**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar il-25 ta' Ottubru 2024

**Il-Pulizija**

**(Spettur Clayton Camilleri)**

**vs.**

**Leslie (Ladislao) Muscat**

detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0122969M

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' **Leslie (Ladislao) Muscat**, ta' 51 sena, iben Carmelo u Phillipa magħrufa bħala Phyillis xebba Grech, imwieled Ħ'Attard nhar it-13 ta' Frar 1969, residenti ġewwa l-fond Gazzell, Flat 1, Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0122969M,

akkużat talli nhar it-18 ta' Ġunju 2020 għall-ħabta tad-20:40hrs bħala persuna responsabbli tal-ħanut bl-isem "The Corner Café" sitwat fi Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar:

1. għamilha ta' substitute mingħajr liċenzja maħruġa mill-awtorità kompetenti;

2. u aktar talli daqq mużika tgħajjat u/jew l-użu ta' loud speakers u/jew amplifikata mingħajr liċenzja tal-awtorità kompetenti;

3. u aktar talli għamel xi ħaġa mingħajr liċenzja tal-awtorità kompetenti meta din il-liċenzja hija meħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmula mill-awtorità kompetenti;

4. u aktar talli naqas li jqiegħed ġewwa gwarniċ u f'post fejn tidher sewwa fl-istabbiliment kopja ta' kull liċenzja jew permess mogħti lilu mill-awtorità kompetenti dwar il-ħanut;

5. u iktar talli naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi ta'awtorità cioe ta' PC979 D. MOhr persuna nkarigata minn servizz pubbliku, jew ma ħallihx jew fixklu waqt waqt li kien qiegħed jagħmel id-dmirijiet tiegħu jew b'xi mod ieħor indaħal fi dmirijietu billi ma ħallihx jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew jista' jagħmel jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li PC979 D. Mohr kien għamel skond il-iġi jew b'xi mod ieħor;

6. u aktar talli talli volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku;

7. u aktar talli volontarjament kiser il-paċi pubblika u/jew il-bon ordni b'għajjat u/jew ġlied.

Rat l-Artikolu 338(ee), l-Artikolu 338(dd), l-Artikolu 338(gg) u l-Artikolu 342 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 3(1) u 12(1) tal-Liġi Sussidjarja 409.15, ir-Regolament 27 tal-Liġi Sussidjarja 10.09;

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 520 tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali, li daħlu fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat illi permezz ta' verbal tal-lum stess, il-prosekuzzjoni u d-difiża qablu illi huma qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif presjeduta milli tisma' xiehda li diġa nstemgħet minn din il-Qorti kif diversament presjeduta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u cioe l-affidavit ta' PC1103 Gabriel Haber[1], l-affidavit ta' PC979 D. Mohr[2], u l-affidavit ta' Malcolm Zerafa in rappreżentanza tal-Awtorità għat-Turiżmu f'Malta[3] u d-dokumenti mehmuża mal-imsemmi dokument;

Rat ili d-difiża għażlet illi ma tressaqx provi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur u tad-difensur tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni, bix-xiehda minnha mressqa, irnexxielha tipprova l-akkużi fil-konfront tal-imputat, sal-grad rikjest mil-liġi u cioe lil hinn mid-dubju raġjonevoli u dan fir-rigward tal-akkużi kollha għajr għas-sitt (6) akkuża li permezz tagħha l-imputat jinsab akkużat illi qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku; Illi mkien fl-affidavits imressqa mill-Prosekuzzjoni ma jissemma dagħa jew kliem oxxen imlissen mill-imputat;

Illi fir-rigward tar-raba' (4) akkuża li ssarraf fi ksur tar-Regolament 27 tal-Liġi Sussidjarja 10.09[4], il-konsegwenza ta' tali ksur huwa l-għeluq tal-istabbiliment mill-Kummissarju tal-Pulizija u dana peress li l-Liġi Sussidjarja 10.09 tagħti l-poteri meħtieġa lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jagħlaq dawk l-istabbilimenti li ma jkunux konformi mal-liġi. Fil-każ odjern, jidher li minkejja r-reżistenza tal-imputat, l-istabbiliment ġiet effettivament magħluq u kwindi l-imputat diġa ħa l-konsegwenza marbuta mal-ksur tar-Regolament 27 tal-Liġi Sussidjarja 10.09. Għalkemm din il-Qorti qiegħda ssib il-ħtija tal-imputat fuq din l-akkuża, m'hemmx lok terġa' tagħti provvediment għall-ksur tar-Regolament, għajr billi permezz tas-sejbien tal-ħtija tal-imputat, tikkonvalida l-ordni għall-għeluq tal-istabbiliment mogħti dakinhar mill-uffiċjali tal-Pulizija.

Fir-rigward tal-akkużi l-oħra, irriżulta li l-imputat instab jiġġestixxi ħanut tax-xorb mingħajr ma kellu l-liċenzja relattiva, la bħala operatur tal-istabbiliment u lanqas bħala sostitut. Kien sewwasew wara d-data tal-akkużi, u cioe fl-10 ta' Lulju 2020, li l-imputat irregola l-pożizzjoni tiegħu mal-awtorità kompetenti u cioe mal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta. Il-Qorti, meta taddivjeni għall-piena mistħoqqa, qed tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat sussegwentement irregola ruħu.

---

[1] Dok. FM 1, fol. 5 tal-proċess;
[2] Dok. FM 2, fol. 9 tal-proċess;
[3] Dok. WG 1, fol. 39 tal-proċess;
[4] U mhux l-Artikolu 22 tal-Avviż Legali 1/2006 kif indikat fit-taħrika;

Dakinhar tal-akkużi, il-Pulizija marret fuq il-post wara telefonata li mill-istabbiliment kien hemm mużika għolja ħafna, liema mużika setgħet tinstema' fuq it-telefon waqt li kien qed isir ir-rapport. Il-Pulizija li aċċedew fuq il-post ikkonfermaw bil-ġurament li qabel ma waslu fl-istabbiliment huma bdew jisimgħu mużika għolja ħafna ħierġa minnu;

Mhuwiex ikkontestat illi meta mitkellem mill-Pulizija, l-imputat ma kkollaborax u fixkilhom fl-eżekuzzjoni ta' xogħolhom; Beda jgħajjat magħhom u jirrifjuta li jobdi l-ordnijiet leġittimi tagħhom;

**Deċide**

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 338(ee), l-Artikolu 338(dd), l-Artikolu 338(gg) u l-Artikolu 342 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 3(1) u 12(1) tal-Liġi Sussidjarja 409.15, ir-Regolament 27 tal-Liġi Sussidjarja 10.09, qed issib lill-imputat **ħati** tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-ħames (5) u s-seba' (7) akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u filwaqt illi għar-raġunijiet hawn fuq esposti ma tapplika l-ebda piena fir-rigward tar-raba' (4) akkuża, qiegħda tikkundanna lill-imputat multa komplessiva ta' **tlett'elef Ewro (€3000)** għall-ħtija fir-rigward tal-akkużi l-oħra.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur